— tiddikjara inapplikabbli, jekk ikun il-każ, l-Artikoli 15, 18, 20, 21, 22 u/jew 24 tar-Regolament 806/2014, b'riferiment għall-Artikolu 277 TFUE; u

— tikkundanna lill-Bord u lill-Kummissjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-481/17, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-482/17, Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-483/17, García Suárez *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-484/17, Fidesban *et* vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-497/17, Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u T-498/17, Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2017 – DNV GL vs EUIPO (Sustainablel)

(Kawża T-644/17)

(2017/C 374/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: DNV GL AS (Høvik, in-Norveġja) (rappreżentant: J. Albers, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni "Sustainablel" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 372 832

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO – 12 ta' Lulju 2017 fil-Każ R 2/2017-2

Talbiet tar-Rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tirreġistra l-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15 372 832 "Sustainablel" għall-prodotti u s-servizzi kollha li għalihom saret l-applikazzjoni;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikoli 7(1)(b), 7(1)(c) u 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2017 – Jinan Meide Casting vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-650/17)

(2017/C 374/74)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Jinan Meide Casting Co. Ltd (Jinan, iċ-Ċina) (rappreżentanti: R. Antonini, E. Monard u B. Maniatis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea